SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 28-17**

**19 ta' April 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**28.1.1** Is-Sindku qara *e-mail* tal-Kunsilliera Galea u reġa' ta l-kondoljanzi lilha u lil familjari tagħha.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**28.2.1 Format tal-Minuti**
Il-Viċi Sindku qal li dawn il-minuti huma fil-qosor u mhux qed jirriflettu dak li jkun intqal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-linji gwida mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali huma li l-Minuti jkunu fil-qosor skond l-Ordnijiet Permanenti fis-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Hija qalet li kull Membru tal-Kunsill li jħoss li għandu jagħmel emenda, trid issir billi jiġi pprovdut it-test tal-kliem li jrid jiġi mibdul jew miżjud, li jkun hemm proponent u sekondant u li l-emenda tidħol biss fis-seħħ wara votazzjoni.

**28.2.2 Emenda fil-Minuti**
Il-Viċi Sindku irrefera għall minuta 27.2.6 u qal li qabel l-aħħar sentenza għandhom jiżdiedu l-kliem: "*Huwa qal li kien ġie nsulentat minn wieħed minn dawn iż-żgħażagħ li qal kliem dispreċevoli fil-konfront tiegħu.*"
Proponent: Frederick Cutajar
Sekondant: Joe Bonello
Il-Kunsill approva din l-emenda.

**28.2.3 *Video* Mużikali fi Ġnien is-Serenita'**
Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 2.2.2 u staqsa jekk kienx sarx il-ħlas dovut. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet irċivit *e-mail* mingħand l-assistenta ta' dan il-kantant fejn ġie kkonfermat li kien ser isir il-ħlas dovut. Hija qalet li sa llum dan il-ħlas għadu ma sarx minkejja li diġa nbagħt *reminder* fuq din il-konferma. Il-Kunsill qabel li jintbagħt *second reminder* fuq l-*e-mail* imsemmija.

**28.2.4 Filmati fi Ġnien is-Serenita'**
Il-Kunsillier Bonello qal li ra intervista fil-programm 'Arani Issa' li nġibdet fi Ġnien is-Serenita'. Huwa staqsa jekk kienx hemm permess u qal jista' jkun li din l-intervista ilha li saret. Qamet diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekja l-permessi.

**28.2.5 Armar tal-Milied fi I*sculpture Garden***
Il-Viċi Sindku qal li l-armar fl-i*sculpture Garden* għadu hemm u sostna li l-post irid jerġa jiġi Sculpture Garden kif kien. Is-Sindku qal li issa l-Kappillan lesta l-garaxx u kien ser iżarma u jqiegħed kollox ġo fih. Huwa qal li dawk iż-żewġ kmamar xtaqu jużawhom ir-Right to Smile. Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li dawk kellhom ikunu *temporary structures* u baqa' jinsisti lill-ġnien kellu jerġa jiġi kif kien qabel.

**28.3** ***Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti***

**28.3.1** ***Approvazzjoni għal kiri ta' Servizz ta' Web Master***

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għall-kuntrattur li bena l-*website* tal-Kunsill u ppreżentat kwotazzjoni għas-somma ta' €400.00 (VAT eskluż) għal sena servizz ta' Webmaster. Il-Kunsill approva din l-kwotazzjoni.

**28.3.2** **Xiri ta' dwal u *photocell switches***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet tlett kwotazzjonijiet għal-xiri ta' dwal u *switches* biex issir manutenzjoni fi-Ġnien tas-Serenita'. Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' ESS Ltd li tammonta għas-somma ta' €286.00 għal xiri ta' dan il-materjal.

**28.3.3** **Membership Fee - ECAD 2017**

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €300.00 bħala *membership fee* tal-ECAD għas-sena 2017

**28.3.4** **Approvazzjoni għall-xogħol ta' manutenzjoni fil-Berga**

Il-Kunsill approva spiża ta'€122.50 li tinkludi xogħol u materjal biex isir *timer* għas-sistema ta' ventilazzjoni li hemm fil-Berġa**.** Is-Sindku qal li l-ħinijiet għandhom ikunu mit-8.00a.m sa nofsinhar u mill-4.00p.m sas-7.00p.m. ħalli l-ħoss ma jdejjaqx ir-residenti.

**28.3.5** **Health and Safety Risk Assesment**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet tlett kwotazzjonijiet għal kiri ta' servizz minn persuna kkwolifikata biex tagħmel *risk assesement* u rapport tal-Health and Safety għall ħaddiema tal-Kunsill**.** Il-Kunsill approva l-orħos offerta ta' €150.00 Vat eskluż.

**28.3.6** **Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 28-17 għall-perjodu bejn l-24 ta' Marzu 2017 sat-3 ta' April 2017 u minn *cheque* numru BOV6660 sa numru BOV 6690.

**28.4** **Financial Statements as at December 2016 – Proposed Audit Adjustments**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-*audit adjustments* li għamlu l-Awdituri tal-Kunsill kienu tnejn relatati mal-LES. Hija qalet li dawn m'affetwawx is-*surplus* tal-*Financial Statments* kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-*audit adjustment* kif proposti mill-awdituri.

**28.5** **Budget 2017**

Il-Kunsill approva l-Final Budget għas-sena 2017 kif imħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill

**28.6** **Approvazzjoni ta' Opening Staff u Evaluating Committee fuq e-tenders**

**28.6.1** **Sejħa għall-kwotazzjoni għal xiri ta' sitt computers Ref:SLLC Q(57-17-1)**

Il-Kunsill approva l-*opening staff* u l-*evaluating staff* fuq is-sejħa hawn fuq imsemmija kif ġej:

**Opening Staff -** Louise Gatt u Marilyn Ellul

**Chairperson -** Joe Bonello

**Evaluators**: Terrence Ellul, Frederick Cutajar u Liam Sciberras

**28.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**28.7.1 *Proġett tal-Jogging Track***

Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-Jogging Track u qal lill-bankijiet u l-*bins* ser jaslu fi ftit ġranet oħra. Huwa ppropona li sitta minn dawn il-*bins* jeħlu fil-Jogging Track, tlieta f'Dorell Place u ieħor fi Triq Freżja. Huwa qal li wieħed mill-*bins* ser jeħel fir-*reading area* u l-oħrajn fejn il-bankijiet. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu *stickers bi slogans* edukattivi fuq il-*bins fejn m'hemmx.* Is-Sindku qal ukoll li nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2017 il-kuntrattur tal-Kunsill ser jibda ix-xogħol fuq it-*trenching* relatat ma' l-installazjoni tal-*water fountains*.

Il-Viċi Sindku irrefera għax-xiri ta' bankijiet u qal li l-fondi lir-Reġjun Nofsinhar alloka għall-Kunsilli biex jintużaw għal servizz ta' *Green Wardens* issa jistgħu jintużaw għal xiri ta' għamara tat-toroq.

Il-Kunsill qabel ukoll li fil-Jogging Track għandhom jiġu nstallati numru ta' *Doggie Bins*

Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li xtaq juri apprezzament għax-xogħol li sar biex ġiet indirizzata l-problema ta' dislivelli.

**28.7.2 *Applikazzjoni għall –użu tal-Picnic Area***

Il-Kunsill ikkunsidra talba mic-Chairperson tal-Ventricular Septal Defect Society Organisation għall-użu tal-*area* marufa bħala Picnic Area għall-attivita' intisa biex tqajjem *awaremess* fuq trabi li jiġu djanjostikati bil-kundizzjoni magħrufa bħala VSD u VSDSO. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu l-permessi neċessarji għal tqegħid ta' *stalls*.

**28.7.3 *Disabled Parking Bay fi Triq Inez Soler***

Il-Kunsill reġa ddiskuta talba ta' resident biex issir *parking bay* għad-*disabled* fi Triq Ineż Soler. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni lil Transport Malta biex waħda mill-*parking bays* fuq in-naħa tal-knisja fi Triq Ineż Soler isir għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fil-ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill kif ġej:

Nhar ta' Sibt bejn is-6.00p.m u s-7.30p.m u l-Ħadd bejn is-6.30a.m sa 12.00p.m (nofsinhar) u bejn is-6.00p.m u s-7.30p.m.

**28.7.4 *Sparar tal-Festa***

Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni li tintuża l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Isqajjaq t'Isfel limiti ta' Santa Luċija għal skopijiet tal-festa sakemm l-applikant josserva l-kundizzjonijiet marbuta' mal-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet inkarigata tikteb l-Supretendent tal-Pulizija u tinfurmaħ li l-Għaqda tad-Duttrina mhux qed tiġi l-Kunsill għal permess dwar l-isparar tal-festa.

**28.7.5 *Sleeping Policemen fi Triq Prinjoli***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ntbagħtet *e-mail* mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali f'isem klijent li għamel mistoqsijiet fir-rigward tas-*sleeping policeman* fi Triq Prinjoli. Fit-tweġiba tiegħu l-Kunsill qabel li lis-*sleeping policeman* f'din it-triq ilhom hemm ħafna u m'huwiex ippjanat li jinbidlu għalissa.

**28.7.6** ***Użu tat-Tea Room mill-Agenzija Sapport***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Agenzija Sapport qed titlob li tlaqqa grupp ta' persuni b'diżabilita' fit-Tea Room fi Gnien is-Serenita' darba kull erba' jew sitt ġimgħat. Huwa qal li din l-Aġenzija lesta tagħmel donazzjoni zgħira għal-użu tal-Ġnien. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**28.7.7** ***Wirja tal-Ortikultura***

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-wirja tal-ortikultura li tiġi organizzata kull sena mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura.

**28.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**28.8.1** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera

**28.9 Xogħol ta' Manutenzjoni fi Ġnien is-Serenita'**

Din l-item ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss

**28.10 Proġett 2WILL**

**28.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett 2WILL għall-ewwel sessjoni li ser issir fl-Italja. Il-Kunsill qabel liż-żewġ Kunsilliera li ser jirrapreżentaw il-Kunsill fuq dan l-ewwel avveniment ikunu l-Kunsilliera Joe Bonello u Liam Sciberras. Il-Kunsill qabel li jitħallsu l-passaġġi tal-ajru u *subsistance allowance* ta' 20% għal kull parteċipant.

**28.11 Ħatra ta' Sotto Kumitat għar-Rikreazzjoni**

l-Kunsill approva Sotto – Kumitat għar-Rikreazzjoni li tiegħu l-Kunsillier Liam Sciberras ser ikun ic-Chairperson u li ser ikollu dawn il-membri:

Ryan Farrugia
M'Louise Xuereb
Carmen Spiteri
Joseph Gaffarena

**28.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**28.12.1** Fis-6.10 p.m. is-Sindku temm il-laqgħa. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017 fl-4:30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Terrence Ellul | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |